**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 436 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Donald Gilford**

Illum 15 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Donald Gilford, imwieled nhar it-23 ta' Marzu 1987 u residenti 3, Block 16B, F11, Triq il-Gendus, Bormla detentur tal-karta tal identita* numru 152187 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xhur minn Frar tas-sena 2021 sa Marzu tas-sena 2021 gewwa l-Gzejjer Maltin, b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru 1-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, liema atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat (Artikolu 18 tal-Kapitolu 9):

(1) Meta hekk ordnat min xi Qorti jew marbut b' kuntratt, naqas milli jaghti lil Adelina Mercieca u/jew lill-uliedu, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment, fi zmien hmistax-il jum minn dak il jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-22 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti rat l-Artikoli 338 (z), 18 u 31 tal-Kodiči Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta:

Sabet lill-imputat Donald Gilford hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u konsegwentement ikkundannatu ghal tlett xhur (3) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Donald Gilford, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi l-appellant umilment jissottometti li n-nuqqas tieghu li jhallas manteniment ma kienx b' xi forma ta' kapricc jew sabiex jipprova jahrab mill-obbligi tieghu, izda kien imqanqal purament mic-cirkostanzi partikolari li ghaddej minnhom l-appellant.

2. Illi l-appellant jixtieq umilment jissottometti illi wahda mic-cirkostanzi hi wahda ta' mard mentali serja, tant illi l-appellant prezentament jiehu madwar sittax-il pinnola medicinjali kuljum u qieghed jipprova jirribatti kontra il-marda ta' dipressjoni.

3. Illi l-appellant illum il-gurnata wara hafna sforzi u ghajnuna jinsab f' posizzjoni aktar minn qatt qabel li jhares l-obbligi tieghu izda l-fatt li huwa kien qed ikollu jersaq il-Qorti ta' spiss ma kinitx qieghda taghmilhielu facli li jonora l-obbligi tieghu tal-impjieg.

4. Illi l-appellant umilment jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet wahda ezagerata u li r-rizultat taghha ser ikun li tkompli tipprekludih milli jhallas il-manteniment dovut u konsegwentement tali nuqqas zgur li jkollu effett detrimenti anki fuq il-wild minuri tieghu.

**Ikkunsidrat,**

Illi fis-seduta ta' nhar l-20 ta' Settembru, 2021 il-Qorti appuntat lil Dr. Simon Micallef Stafrace biex jirrapprezenta l-interessi tal-appellant u dan wara li gie prezentat affidavit maghml minn **Dr. Anthony Dimech** fejn hemm indikat li l-appellant ghandu sintomi ta' depressjoni minhabba il-qaghda finanzjarja hazina tieghu, l-inabilita tieghu li jsib xoghol u jaqla' l-flus u d-dwejjaq li ghandu biex jattendi s-seduti tal-Qorti. Inghad f'dan l-affidavit rilaxxjat minn Dr. Anthony Dimech li l-appellant kellu ukoll xi idejat suwicidali li gew indirizzati permezz ta' medicina u qed jinghata kura pero kien tal-fehma li l-appellant setgha jattendi l-Qorti.

Illi f'din is-seduta l-appellant inghata kopja tal-affidavit li giet prezentata fil-kawza fl-istess ismijiet numru 423-2021 u dan seduta stante.

Rat l-affidavit ta' **PC 659 C Abela** markat bhala dok JM[1] u dan spjega li nhar is-27 ta' Jannar, 2021 ghall-habta tas-19.14 p.m gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun kienet marret Adelina Mercieca detentrici tal-karta ta' identita numru 99384M fejn stqarret li ma ircevitx il-pagamenti tal-manteniment minghand l-ex partner taghha certu David Gilford. Adelina pprezentat kuntratt bin-numru 6235/2017 mahrug nhar it-13 ta' Marzu 2017 fejn hemm indikat li hija intitolata ghas-somma ta' hames mija u hamsin

[1] Fol. 23 tal-process

(€550) mensilment. Hija kkonfermat li ma kienitx irceviet din is-somma fix-xhur ta' Novembru 2020, Dicembru 2020 u Jannar 2021.

Nhar it-30 ta' Ottubru 2020 mar David Gilford ghall-habta tal-21.29 p.m gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun u wara li inghata id-dritt li jkun assistit minn Avukat u rrifjuta tali dritt stqarr li ma kienx qed jaghti manteniment lil Adelina ghaliex hija ma kienitx qed ittih access ghat-tfal u ghalhekk hass li la ma jarax it-tfal ma kellux ghalfejn imantnihom.

**Adelina Mercieca** xehdet nhar it-22 ta' Novembru 2021 u stqarret li bejn Jannar 2020 sa Gunju 2021 zewgha l-appellant naqas li jghaddilha l-manteniment dovut. Spjegat li skond il-kuntratt esebita minnha datat 20 ta' Marzu, 2017 l-appellant ghandu ihallasha is-somma ta' €550 kull hamsa (5) tax-xahar bhala manteniment ghaliha u ghal uliedha. Dan il-kuntratt gie esebit u markat bhala dok AM. Mistoqsija jekk kienx hemm xi tentattivi ta' hlas tul dan il-perijdou kollu tghid li fi Frar 2020 kien ghaddilha s-somma ta' €400. Qalet li meta titolbu l-flus dejjem jghidilha *li m'ghandux minn fejn ihallasha u jghidilha 'li mhux qed jahdem ghax ma jiflahx u ghalhekk m'ghandhux minn fejn itiha"*. Tghid li qallha ex admisses *" jekk trid itfaghni gewwa niekol u nixrob b'xejn"*.

Tghid li fil-fatt biex gie redatt il-kuntratt kellha anke thallas sehmu tal-hlasijiet tan-nutara u anke halset id-drittijiet ta' l-avukat tieghu biex wasal biex iffirma il-kuntratt. Qalet li kienet anke waslet f'kawza ohra quddiem qorti differenti li taccetta mitejn euro fix-xahar izda dawk ukoll ma tahomlhiex.

Il-Qorti ezaminat il-kuntratt redatt min nutar Dottor Maria Micallef datat 13 ta' Marzu, 2017 (Dok AM)[2] u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li mir-relazzjoni ta' bejn l-appellant u martu l-parte civile twieldu tlett itfal ilkoll minuri Lendon, Dewlin u Daigen. Illi skond il-klawsla numru 17 intitolata MANTENIMENT l-appellant kien

[2] Fol. 17

intrabat li ihallas lil parte civile is-somma ta' hames mija u hamsin euro (€550) fix-xahar u dan bhala manteniment ghal htigijiet tat-tlett itfal. Dan il-manteniment ghandu jithallas bil-quddiem lil omm sa mhux aktar tard mill-hamsa (5) ta' kull xahar permezz ta 'standing order fil-kont tal-Bank of Valletta plc intestat f'isem l-omm li ghandu in-numru 40019805405.

Illi skond ix-xhieda tal-parte civile Adelina Mercieca, jirrizulta li l-appellant naqas li jghamel dan il-hlas meta kien dovut u hallas biss fil-perijodu ta' sena u nofs is-somma ta' erba' mitt euro (€400).

Il-Qorti rat ir-ragunijiet migjuba mill-avukat difensur tal-appellant u cioe li l-appellant ghandu mard serju tant li allegatament qed jiehu sittax il pinnola medicina kuljum u qieghed jipprova jirribatti kontra l-marda ta' dipressjoni. Huwa ghalhekk li hu ma hux qed imantni lil uliedu. Stqarr ukoll li l-piena moghtija hija wahda ezagerata u r-rizultat taghha ser ikun li tkompli tipprekludih milli ihallas l-manteniment dovut u konsegwentement tali nuqqas zgur li jkollu effett detrimenti anki fuq il-wild minuri tieghu.

Rat illi pendenti lite l-appellant ghamel zewg pagamenti lill-kwerelanti, wahda fis-somma ta' €1000 nhar il-25 ta' Jannar 2022 u pagament iehor ta' €100 nhar it-8 ta' Frar 2022 u dan lill-parte civile Adelina Mercieca u b'hekk illum il-gurnata l-kwerelanti thalset ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar</u>**[3] kienet irriteniet testwalment hekk :-

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' Settembru, 1999.

……"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (**Pol. vs.Lawrence Cutajar** [4]- u **Pul. vs. Carmelo Farrrugia** [5] u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jew f'kuntratt bonarju jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ……….*kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet jew kuntratt gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jewdak l-ordni kien null* . "

Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-

1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)
2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma.

Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni.

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Camilleri**[6] fejn ghamlet riferenza ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, (**Pul. vs. Anthony Saliba**[7]**)**

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu, 1995.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar, 1998.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Settembru, 2002.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Lulju, 1998

> *fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant.*

Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet.

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza il-Qorti rat li l-appellant ghamel progress fl-andament ta' din il-kawza u ghamel onora l-obbligazzjoi tieghu tal-hlas tal-manteniment u dan ghas-saldu tal-pretensjoni tal-kwerelanti.

Ghalhekk illum ghandna bdil fic-cirkostanzi stante li kien hemm il-hlas apposite.

Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' priguenrija ta' tlett (3) xhur ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u l-kwerelant ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u l-kwerelant. B'danakollu, il-Qorti ma hiex bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li

eventwalment il-vertenzi bejnu u l-kwerelant jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp il-kwerelanti tibqa' bla ħlas ta' manteniment.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' tlett xhur prigunerija imposta mill-ewwel Qorti, sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta' pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm mhux anqas minn zewg nuqqasijiet ta' pagament.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-imputat appellant Donald Gilford billi tħassar is-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-istess appellant għal tlett xhur prigunerija u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda komplessiva fl-ammont ta' mija u hamsin euro (€150) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill-imputat Donald Gilford iħallas l-ammenda imposta fuqu b'din is-sentenza ratealment bir-rata ta' hamsa u għoxrin euro (€25) fix-xahar, bl-ewwel rata pagabbli llum, b'dan li fin-nuqqas ta' pagament anki ta' rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih.

Komunika lid-Direttur tal-Qorti Kriminali.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur